MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 894/2001/1

**Frontline Marketing & Communications Limited**

**vs**

**Lapsi Holdings Limited u William Caruana**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-24 t'Ottubru tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti biex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Ihallsu is-somma ta' erbat elef sitt mija sitta u tletin lira Maltin u seba' u disghin centezmu (Lm4,636.97,0) rapprezentanti advertising, xoghol ta'**

**“art work”, “design”, printing u ohrajn mghamula mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ Lapsi Holdings Ltd bejn l-istess ammont mid-data ta’ meta dan il-dejn kien dovut;**

**2. Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-3 ta’ Dicembru tas-sena 2001 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi l-konvenut William Caruana m’ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici u ghalhekk ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju;**

**2. Illi s-socjeta’ konvenuta mhix debitrici tas-socjeta’ attrici stante illi s-socjeta’ attrici kkuntrattat ma’ terzi ghax-xoghol li tieghu qeghdha tirreklama l-prezz u mhux mas-socjeta’ konvenuta;**

**3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ attrici trid iggib il-prova li x-xoghol li tieghu qeghdha tirreklama l-prezz effettivament sar;**

**4. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi s-socjeta' ghamlet kwantita' ta' xoghol ta' "marketing" u reklamar lill-konvenuti fuq struzzjonijiet taghhom;**

**2. Illi jidher li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet wahda tajba stante li l-pagamenti dovuti mill-konvenuti dejjem kienu effettwati lis-socjeta' attrici, ovvjament bl-eccezzjoni ta' dawk reklamati fil-kawza odjerna;**

**3. Illi l-ammont meritu tal-procedura odjerna hu l-bilanc indikat fl-avviz odjern senjatament erba' telef, sitt mija u sitta u tletin Lira Maltin u seba' u disghin centezmu, (Lm4,636.97,0), skond kif jidher fid-dokumentazzjoni annessa f'din il-procedura;**

**4. Illi ghalkemm il-konvenuti kienu interpellati diversi drabi biex jeffettwaw il-pagament minnhom dovut, baqghu inadempjenti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta li r-relazzjoni kommercjali li kienet tezisti bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuti kienet wahda li kienet ilha tezisti u jidher li kienet wahda li permezz taghha l-konvenuti kienu sodisfatti;**

**Illi jirrizulta li l-parti l-kbira tal-pagamenti dovuti lis-socjeta' attrici thallsu regolarment mill-konvenuti u kien biss ghall-ammont meritu ta' din il-procedura li bdew iqumu xi diffikultajiet;**

**Illi pero' dawn id-diffikultajiet ma jirrizultawx li huma ta' natura legali u l-ammont dovuti mill-konvenuti lis-socjeta' attrici jibqghu hekk dovuti ghas-servizz lilhom rez;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' erba' telef, sitt mija u sitta u tletin Lira Maltin u seba' u disghin centezmu,**

**(Lm4,636.97,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**